Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Busuttil]

[Spettur John Spiteri]

vs

Kylie Cutajar

Kumpilazzjoni Numru: 313/18

Illum, 17 ta' Jannar 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kylie Cutajar detentrici tal-karta tal-identita` numru 147997M akkuzata talli:

1. F'dawn il-Gzejjer bejn il-15 ta' Mejju 2018 u is-17 ta' Mejju 2018, pubblikament, xewwxet persuna/persuni ohra sabiex taghmel reat (Art. 69 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. Aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi pubblikament, xewwxet lill-persuna/persuni ohra sabiex tikser il-ligi (Art. 70 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
3. Aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddedt li taghmel xi reat jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel xi gwadan, jew ghamlet uzu iehor mhux xieraq bl-istess apparat (Art. 49 ta' Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu tratti bi procedura sommarja.

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta dwar *hate speech* li ntqal fuq is-sit Facebook fil-konfront ta' ufficcjal tal-Pulizija Ezekuttiva ta' Malta.

Xehed l-**Ispettur Joseph Busuttil** li qal li fil-15 ta' Mejju 2018 kien hemm incident fejn kuntistabbli kien gie mtajjar bil-mutur. L-ghada, innota fuq Facebook li kien hemm xi tliet min-nies illi bdew jibghatu kliem bhal *'sewwa gralu, rriversja u erga ghaddi minn fuqu.'* Jghid li infurma lill-Magistrat tal-ghassa, fejn inhargu l-mandati t'arrest fil-konfront tat-tliet persuni: Josef D'Amato, Kylie Cutajar u Ritmark Borg.

Jibda billi jirreferi ghall-process ta' Kylie Cutajar u jirreferi ghall-*post* li tefghet Kylie Cutajar u li fuqha wiegibha Ritmark Borg fejn hi mbaghad wiegbet lura billi kitbet *'Wahda reverse u ejja ha mmorru*' (Dok 'JB5'). L-Ispettur qal li Kylie Cutajar ammettiet li tefghet din il-*post* imma ma tatx raguni lill-Pulizija ghalfejn ghamlitha.

Fil-kontroezami, l-avukat Dr. Brincat staqsa lill-Ispettur dwar l-espressjoni li kien qal Ritmark Borg. L-Ispettur qal li l-espressjoni tieghu wahedha ma kinitx taghmel sens, pero` meta taqra fil-kuntest tal-artiklu u tal-*conversation* li kien hemm qabel: *'wahda reverse u ejja ha mmorru'*, Ritmark qieghed isahhah l-argument ta' Kylie Cutajar.

Xehdet **Dr. Marisa Mifsud** li giet inkarigata mill-Magistrat Joseph Mifsud sabiex taghmel transkrizzjoni tal-istqarrija ta' Josef D'Amato, Ritmark Borg u Kylie Cutajar. Hi rritornat id-DVD's lura l-Qorti u pprezentat kopja tat-traskrizzjonijiet lill-partijiet li gew immarkati bhala Dok 'MM1'.

Fl-istqarrija ta' **Kylie Cutajar** mehuda nhar is-17 ta' Mejju 2018 (Dok 'MM1') l-Ispettur Joseph Busuttil jibda billi jistaqsi lill-imputata jekk il kumment fuq ir-ritratt tal-pulizija li wegga' kienx

taghha. Hija ammettiet li kitbet il-kumment: *'What happened was a reflection of a society that lacks discipline and respects towards the authorities, however, do the authorities treat citizens with the same kind of respect they're expecting back?'* Meta giet mistoqsija jekk tafx lil Ritmark li wiegibha fuq il-kumment, hija tghid li m'humiex hbieb *close* izda jafu lil xulxin minn fuq Facebook. L-Ispettur staqsiha x'riedet tghid biha meta qalet *'Wahda reverse u ejja ha mmorru'*. Kylie wiegbet li ma kien hemm l-ebda intenzjoni hazina u li kienet cajta bla sens u goffa. L-Ispettur rega' staqsiha x'riedet tghid biha meta kitbet *'wahda reverse u ejja ha mmorru'* fejn qalet li ma kinitx relatata mal-artiklu. Kylie Cutajar ammettiet li wara li nqala' l-*hassle*, marret taqra l-artiklu u rrealizzat ghalfejn in-nies bdew jiehduha bi kbira meta rat li ntqal li *'rega ghaddha minn fuqu'*. Issostni li l-kumment taghha ma kienx relatat b'dak il-mod mal-artiklu. L-Ispettur staqsa x'riedet tfisser bl-ahhar bicca tal-kumment: *'However, do the authorities treat citizens with*

*the same kind of respect they're expecting back?'* Kylie Cutajar qalet li meta giet bzonn il-Pulizija, hi kienet *'let down'*. Tispjega li l-kumment *'wahda reverse u ejja ha mmorru'*, qatt ma fissritha b'mod hazin, b'vendikazzjoni jew rabja. Tghid li kitbitha bla hsieb u fl-ebda hin ma hasbet fil-konsegwenzi u minghajr ma hasbet li ha twegga' lin-nies. Tammetti li kienet sentenza mhux f'postha u zejda. Tghid li temmen li l-kumment kien irresponsabbli u li kkawza hafna hsara u li weggghet lin-nies bih. Tghid li kitbitu b'*carelessness'.*

Kylie Cutajar tispjega wkoll li wara li tefghet il-*post*, bdiet tircievi xi messaggi. Tispjega li wiehed qabad jheddidha li ha jigi ghaliha u li lanqas se jhallilha ghadma f'gisimha. Dak il-hin iddecidiet li tnehhi l-*post* u kitbet *post* ohra bhala apologija. Pero` n-nies izjed bdew joffenduha fuq din il-*post* u allura, iddecidiet li tnehhi kollox. Tghid li skuzat ruhha wkoll mat-tifel tal-Pulizija. Tghid li kellimha

l-Pulizija stess u skuzat ruhha mieghu fejn hu qalilha li fehemha u qalilha li l-azzjonijiet taghha bla hsieb spiccaw ikkawzaw aktar hsara. Tammetti li l-*post* li kitbet kienet *'way overboard'* u tibqa' ssostni li qatt ma riedet tfissirha b'mod hazin.

Xehdet **Michelle Mercieca** fejn l-Ispettur Busuttil uriha Dok 'JB7' li jikkonsisti f'konversazzjoni fejn Josef D'Amato kien kiteb '*Insomma sewwa jagmel, j'Alla jtajru wiehed kuljum ha nehilsu minnhom. Good day'*. Michelle Mercieca tghid li ma tafux lil Josef D'Amato u tispjega li dan l-argument tal-konversazzjoni beda originarjament dwar ta' Liam li tajjar lill-Pulizija bil-karozza.

Xehed l-**Ispettur John Spiteri** fejn spjega l-incident li sehh fejn Pulizija tat-*traffic* kien involut f'incident fejn allegatament dan il-kuntistabbli kien ittajjar u kien sofra xi griehi. Spjega li l-ghada tal-incident, gie infurmat mill-Ispettur Busuttil li kien hemm xi

*chats* li kienu ghaddejjin u li kien kiseb mandat t'arrest u tfixxija fil-konfront ta' tliet persuni li kienu ghaddew kummenti li b'xi mod jista' jaghti l-kaz li setghu jincitaw xi forma ta' tixwix u theddid biex wiehed jaghmel reat, fost reati ohra li seta' kien hemm. Rigward Kylie Cutajar qal li ma sabux problema sabiex jarrestawha u li Kylie kienet spjegat li kien hemm incident fejn missierha kien vittma ta' incident tat-traffiku u qalet li kienet imdejqa u rrabjata ghall-fatt li kienet proprju mill-media li saret taf bil-mewt ta' missierha u li ppretendiet li l-Pulizija kienu ha jinfurmawha b'li gara. Meta staqsewha x'riedet tghid bir- *'reverse'*, hi qalet li fl-ebda hin ma kien hemm referenza ghall-incident tal-Pulizija. L-Ispettur zied jghid li kemm Kylie u Ritmark spjegaw li din il-konversazzjoni kienet storja fittizja ta' bejniethom u li f'dak il-hin huma ma kienu qed jirreferu fl-ebda hin ghall-Pulizija.

Xehed <u>Neil Camilleri</u>, rapprezentant ta' Malta Independent li xehed dwar l-artiklu li deher dakinhar tal-incident fil-15 ta' Mejju 2018 u kkonferma li kien hemm dak ir-rapportagg.

Xehed <u>Joseph Louis Xerri</u> rapprezentant tas-Cyber Crime. Qal li kien ircieva *email* minghand is-CMRU fejn kellu kopja tal-kummenti li ghamel Josef D'Amato fuq Facebook: *'Insomma, sewwa ghamel. Jalla jtajjar wiehed kuljum ha nehilsu minnhom. Good day'*. Jghid li ppreserva dak il-kumment u kif ukoll, wara li dahal fuq Facebook u sab ritratt ta' profil identiku, ippreserva dak il-*Facebook profile*. Xehed li sab l-*IP address* kien qieghed juza Josef D'Amato. Dawn id-dokumenti gew markati 'JX1' u 'JX2'. Qal li kien hemm kumment iehor: *'Kylie Cutajar, kif tkun hemm ghaddi darbtejn ha tkun certa'*. Jghid li dawn il-kummenti gew ippreservati kif ukoll fittxu fuq Facebook biex jiddentifika ta' min kien dan il-Facebook. Baghat *request* lill-Melita u lill-Vodafone biex iqabbel l-

*IP address*, li kopja tieghu gie esebit u mmarkat Dok 'JX1b'. Jghid ukoll li kien ircieva *email* minghand persuna fejn gie muri l-kummenti li gew ippostjati minn Kylie Cutajar li kien: *'Wahda reverse u ejja ha mmorru'*. Dawn il-kummenti wkoll gew ippreservati. Ghamel *request* biex jara liema *IP address* kien intuza u din il-kopja giet immarkata Dok 'JX1c'. Huwa qal li *service provider* minnhom qalulu li ma setghux jintraccaw l-*IP address* mentri *service provider* iehor qal li bejn il-15 u s-17 ta' Mejju dan l-*IP address* kien assenjat lil certu Dorienne Cutajar (KI 724272M) li toqghod Norbert 46, Triq il-Kanun, Triq il-Gdida, Santa Venera.

Xehed l-espert <u>**Dr. Martin Bajada**</u> li spjega li kien gie nominat mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud sabiex jaghmel analizi fuq l-oggetti moghtija lilu. Spjega li l-analizi qatt ma saret u li rcieva rikors biex jirritorna l-esebiti. Qal li ghamel *clone copy,* immarkat 'MB1', u rritorna l-esebiti li jikkonsistu f'telefon cellulari u *laptop*.

Ikkunsidrat:

Illi l-proceduri odjerni jirrigwardaw *post* li l-imputata kitbet fuq is-sit socjali *Facebook* tramite l-profil personali taghha kif jidher mid-dokument esebit bhala Dok. JB5 li jinsab a folio 11 tal-atti processwali.

Illi l-*post* inkwistjoni tikkonsisti fi kliem ahrax li jammonta ghal xejn aktar hlief *hate speech* – xi haga li qed issir iktar komuni llum il-gurnata b'mod specjali fuq is-sit socjali *Facebook.* Il-*hate crime* gie definit mill-Kunsill tal-Ewropa bhala: *"any written material, any image or any other representation of ideas or theories, which advocates, promotes or incites hatred, discrimination or violence, against any individual or group of individuals, based on race, colour, descent or national or ethnic origin, as well as religion if*

*used as a pretext for any of these factors"* - Additional Protocol to the Convention on Cybercrime, 2006.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet **Delfi vs Estonia**, (Numru 64569/09, 2015) qalet li *"user-generated expressive activity on the Internet provides an unprecedented platform for the exercise of freedom of expression... However, alongside these benefits, certain dangers may also arise. Defamatory and other types of clearly unlawful speech, including hate speech and speech inciting violence, can be disseminated like never before, worldwide, in a matter of seconds, and sometimes remain persistently available online. These two conflicting realities lie at the heart of this case".*

Il-Qrati Maltin ukoll esprimew ruhhom dwar il-*hate speech*. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Brandon Bartolo,** il-Qorti tal-Magistrati (Malta)

bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Mag. Dr. Joseph Mifsud, 30 ta' Jannar 2018) qalet hekk: *"Illi din il-Qorti jidhrilha li l-analizi dwar ir-responsabbiltà o meno tal-imputat ma tridx tikkoncentra biss fuq il-kliem pubblikat mill-imputat, bhala frazi wahedha u fl-astratt, izda wkoll trid titqies fil-kuntest ta' dak li jkun qed jigi miktub minnu u minn haddiehor; mhux l-inqas il-lok fejn il-kumment ikun sar u cirkostanzi ohra li jkunu jduru mieghu". … "Izda kontra dak li jistghu jahsbu ghadd ta' individwi li jistghu jghidu li jridu, f'socjeta` demokratika ma tistax tghid dak kollu li trid u li thoss. Hemm il-limiti li huma stabbiliti bil-Ligi u li jridu jigu osservati. Id-dritt tal-kummentaturi li jikkummentaw jista' jaqbez il-limiti tal-medjokrita, izda ma jista' qatt jaqbez il-limiti stabbiliti mill-Ligi". … "Il-kummenti miktuba mill-imputat iridu jitqiesu kemm wahedhom kif ukoll fil-kuntest shih li inkitbu fih. Dan l-assjem iwassal lil din il-Qorti ghall-konvinzjoni morali li l-*

*intenzjoni tal-imputat kienet biss dik li jistqarr il-fema hielsa tieghu".*

F'din is-sentenza, il-Qorti ghamlet referenza ghall-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza li qalet: *'the boundary between the expression of intolerant or offensive views and hate speech is not always and easy one to draw. However, a number of factors are likely to be relevant, including the intention of the person making the statement, the context in which they are making it, the intended audience, and the particular words used'* (Equality and Human Rights Commission – Freedom of Expression Guidelines, 2015).

*Factsheet* tal-ECHR qalet: *"the identification of expressions… of hate speech is sometimes difficult because this kind of speech does not necessarily manifest itself through the expression of hatred or*

*of emotions. It can also be concealed in statements which at a first glance may seem to be rational or normal".*

Illi certament fil-kaz odjern, il-kliem li kitbet l-imputata ma jirrizultawx bhala razzjonali b'mod partikolari l-kumment '*Wahda reverse u ejja ha mmorru.*' L-intendiment tal-imputata johrog car minn kliemha. Zgur li ma jistax jinghad li kliemha kienu normali jew razzjonali, anzi kienu propju intizi ghall-mibgheda, hsara u tixwix.

Illi dan l-agir b'mod partikolari fuq sit socjali daqshekk potenti bhalma huwa l-*Facebook*, jammonta ghall-abbuz sfaccat. In oltre wiehed ma jistax jinsa' li l-kumment kien intiz ukoll b'mod generali lejn il-korp tal-Pulizjija ta' Malta.

Illi jirrizulta car mill-istqarrija tal-imputata li hija stess ammettiet li kitbet dak il-*post* tramite l-*Facebook account* taghha. Hija tittanta tiggustifika l-agir taghha billi qalet li saret taf li missier kien involut f'incident tramite l-*media* minflok mill-Pulizija u ghalhekk hassitha traduta mill-istess Pulizija. Ghalkemm qalet ukoll li ma riedet tfisser xejn b'mod hazin, fl-istess nifs hija tammetti li l-kliem taghha kienu mhux f'lokhom u zejda. Qalet ukoll li kienet irresponsabbli u li kkawzat hafna hsara u li weggghet lin-nies. Tikkonkludi billi tghid li dan il-*post* kitbitu b'*carelessness.*

Fid-dawl ta' dan ma hemmx dubju li l-imputata ghandha tinstab hatja tal-akkuzi dedotti fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 69(b) u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 49 ta' Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata Kylie Cutajar hatja tal-akkuzi dedotti

kontriha u stante li t-tieni (2) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax (18)-il xahar, u kif ukoll ghall-multa ta' hames mitt ewro (€500).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputata r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**